# ***KUNSILL LOKALI L-GĦASRI***

## RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV

**Jannar – Diċembru 2010**

# ***WERREJ***

1. Introduzzjoni mis-Sindku
2. Il-Kunsill
3. Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill
4. Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq
5. Dikjarazzjoni ta’ Rikonċiljazzjoni mal-Bank
6. Rapport ta’ l-Awdituri u l-‘Financial Statements’

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

### Sena Finanzjarja

Minn din is-sena, ir-rapport annwali tal-Kunsill qed jimxi mas-sena kalendarja u dan peress illi s-sena finanzjarja kienet ġiet stabbilita li għandha tkopri x-xhur minn Jannar sa Diċembru. Għalhekk, is-sena li għaddiet kienet l-ewwel sena bbażata fuq is-sena kalendarja u li tinkludi 12-il-xahar peress li s-sena ta' qabel kienet miġbura fuq disgħa xhur biss, minn April sa Diċembru 2009. Dan sar permezz ta' tibdil fl-Att tal-Kunsilli Lokali fejn kienu ntrodotti diversi tibdiliet legali fit-tmexxija tal-Gvern lokali.

Tul is-sena li għaddiet, il-Kunsill baqa' għaddej bl-istess ritmu ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita tagħna. Kull ġurnata ġġib għall-Kunsill Lokali sfidi ġodda u għalkemm il-pjanijiet ikunu mfassla fil-bidu ta' kull sena, xorta jibqa' li minn ħin għall-ieħor, il-Kunsill ikollu quddiemu għanijiet dejjem jiżviluppaw ma' kull ġurnata li tgħaddi.

### Allokazzjoni Finanzjarja 2010

Fit-tfassil tal-Estimi għas-sena li 2010 l-Kunsill ħa fil-kunsiderazzjoni diversi fatturi li fuqhom ried jimxi. L-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena kienet simili għal dik tas-sena ta' qabel, iżda hi madwar €10,000 aktar minn tas-sena 2008. Dan irriżulta minħabba ċirkostanzi fejn l-allokazzjoni bdiet tinħadem fuq sistema li hi aktar adattata għaż-żmenijiet tal-lum u għall-esiġenzi ta' kull Kunsill partikolari u għalhekk ikun hemm varjazzjonijiet minimi minn sena għall-oħra. Ta' min isemmi li permezz tas-sistema l-ġdida kif qed tinħadem l-allokazzjoni, l-Kunsilli Lokali ż-żgħar ġew anqas żvantaġġjati minn dawk il-kbar.

Permezz għalhekk tal-formola l-ġdida l-Kunsilli Lokali ż-żgħar bdew jingħataw aktar fondi maħduma mhux biss fuq il-popolazzjoni iżda wkoll fuq id-daqs tal-lokalita tagħhom. Kunsiderazzjoni oħra li bdiet tittieħed kienet jekk il-lokalita tkunx tmiss mal-baħar jew le u wkoll fuq in-numru ta' abitanti relatat mat-toroq urbani u rurali u wkoll id-daqs f'kilometri tal-lokalita.

Għal din is-sena dan il-Kunsill Lokali ingħata l-ammont ta' €155,431. Minbarra din l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali, fl-ippjanar għal-futur fil-ħidma tal-Kunsill, għandu jiddaħħal ukoll dak id-dħul ieħor li tul is-sena jiġi bħala qliegħ ieħor u li jkun jikkonsisti f'imgħaxijiet, permessi u xi allokazzjoni sekondarja li l-Kunsill ikun irnexxhielu jikseb permezz ta' applikazzjonijiet għal dawk il-fondi li l-Gvern jagħmilhom għall-użu tal-Kunsilli.

### Fondi Oħra

Fil-fatt, tul is-sena 2010, il-Kunsill irnexxielu jakkwista €15,000 bħala fondi speċjali u li ntużaw fuq ix-xogħlijiet li saru fil-pjazza tal-lokal. Dan l-ammont kien akkwistat wara ħidma mill-Kunsill peress li konna attenti biex napplikaw fil-ħin opportun u permezz ta' dawk il-proċeduri li rajna li l-aħjar li jintużaw għal dan l-iskop.

Minbarra d-dħul imsemmi hawn fuq, tul is-sena finanzjarja, kellna introjtu pjuttost żgħir minn ħruġ ta' permessi fuq krejnijiet li jintramaw fit-toroq, dħul minn bejgħ ta' dokumenti għall-ħruġ ta' sejħiet ta' kuntratti, u wkoll dħul ieħor ta' ammont li kien mgħoddi lill-Kunsill mill-Kumitat Konġunt għal Għawdex li ġie mit-tqassim tal-flus li nġabru mill-ħruġ taċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku.

**Infieq**

Kif kien indikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' ċirkulari tad-9 ta' Diċembru 2009, l-allokazzjoni finanzjarja li kienet qed tingħata lill-Kunsilli Lokali kienet qed tinħadem skont il-formola l-ġdida u li din tinsab fit-tmien skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali għas-sena 2011 u għalhekk skont in-numru ta' residenzi f'kull lokalita.

Mill-€155,431 li kif diġa għidt dan il-Kunsill qed jingħata, l-ammont ta' €53,398 kien qed jingħata għall-manutenzjoni tat-toroq, €15,796 qed jingħata għall-immaniġġjar tal-iskart, €5,019 qed jingħataw biex isiru dawk l-aġġustamenti bejn il-kontijiet u €2,263 qed imur għal *tipping fees*. L-ammont żgħir fit-tnaqqis tal-allokazzjoni hu rifless fis-somma allokata għall-manutenzjoni tat-toroq.

Fl-allokazzjoni wkoll, il-Gvern Ċentrali kien qed jinkludi ammont sostanzjali ta' €78,857 bħala nfieq fuq l-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju li minnu hu essenzjali li tiffunzjona t-tmexxija tal-lokalita. Parti sostanzjali minn dan l-ammont qed ikun iffrankat peress li f'din is-somma hemm maħsuba biex ikun ingaġġat skrivan fuq bażi ta' kuljum u li għalhekk il-Kunsill qed jiffranka dawn il-ħlasijiet. Fl-istess waqt iżda, minn din is-sena l-Kunsill irid jinkludi taħt dan il-vot, dik l-*allowance* li mis-sena l-oħra kienet introdotta li għandha tingħata lill-membri kollha tal-Kunsill. Din is-somma se tammonta għal €6,400 li jitqassmu nofs fl-aħħar ta' Ġunju u t-tieni nofs fl-aħħar ta' Diċembru.

Ammont żgħir ta' €99 qed ikun approvat għaż-żamma fi stat tajjeb ta' *soft areas* li għandna f'dan ir-raħal u li tikkonsisti f'sit wieħed fil-bidu ta' Triq il-Fanal.

**Proġetti Kapitali**

Fl-istess waqt, matul is-sena bħalma mxejna tul is-snin ta' qabel, dan il-Kunsill se jibqa' attent ħalli kemm nistgħu niffrankaw mill-infieq li jkun ġie vvutat speċjalment fuq dawk l-affarijiet fejn minn żmien għall-ieħor ikun jidher li jistgħu jkunu ffrankati l-flus.

B'hekk imbagħad il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li b'aktar ħeġġa nħarsu lejn proġetti ambizzjużi li jgawdu minnhom ir-residenti permezz ta' programmi speċjali u wkoll billi nkunu attenti għal kull applikazzjoni għal fondi oħra li minn żmien għall-ieħor il-Gvern Ċentrali jagħmel għall-użu tal-Kunsilli Lokali.

Proġett li issa ilu għal snin twal iberren f'moħħ il-Kunsillieri kollha preżenti, hu dak tat-tkomplija ta' Triq il-Fanal biex din issir bit-tarmak minn fejn tibda Triq Għammar u tasal sa fejn tibda t-telgħa lejn l-għolja Ta' Ġordan. Hu ttamat li sa tmiem din il-leġislatura dan il-proġett ikun jista' jitwettaq u b'hekk il-ħsieb tal-Kunsill li Triq il-Fanal tkun kollha miksija bit-tarmak tkun twettqet.

Fil-proġetti kollha li jwettaq il-Kunsill, il-mira hi dejjem li kullma nagħmlu jkun għall-ġid tal-poplu ta' dan ir-raħal. Dan l-aktar li nistgħu nilħquh, hu billi nagħtu kull attenzjoni lejn it-toroq l-aktar dawk frekwentati mill-pubbliku. Iżda l-Kunsill dejjem irid jimxi skond il-finanzi li jkunu mgħoddija mill-Gvern Ċentrali u ma jistax iwettaq proġetti barra mil-limiti finanzjarji.

Proġett ieħor li l-Kunsill se jaħdem bi sħiħ fuqu hu li tingħata l-aħħar kisja bit tarmak ta' l-ewwel parti minn Triq Għammar u din titkompla tul Triq il-Fanal sa ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Dan ix-xogħol hu neċessarju peress li din it-triq kienet tħalliet b'kisja waħda tat-tarmak u t-tieni kisja kienet għada ma saritx.

Proġett li ilu li ġie ppjanat iżda għad ma nbediex kawża ta' dewmien min-naħa tal-Perit involut, hu dak tat-tibdil tal-bankina fil-bidu ta' Triq il-Fanal. Dan ix-xogħol jinkludi t-tneħħija tas-siġar kollha, tinbidel il-bankina u jitħallew toqob ġodda biex jitħawwlu siġar li jkunu adattati għall-post iżda li ma jagħmlux ħsara fit-triq u servizz li jkunu għaddejja minn taħt l-art.

Flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet li semmejt il-Kunsill hu obbligat li jkompli jagħti manutenzjoni fuq dawk it-triqat sekondarji li jwasslu fl-egħlieqi. Tul is-sena l-Kunsill ħadem bis-sħiħ biex dawn it-toroq fejn hu neċessarju jerġgħu jinbnew mill-ġdid.

## Ambizzjonijiet

Jien bħala Sindku ta' din il-lokalita, ninsab ċert illi l-ambizzjonijiet ta' kull membru fil-Kunsill Lokali huma l-istess bħal dawk li jien dejjem għożżejt kemm ilni fil-Kunsill. Ilkoll kemm aħna rappreżentanti eletti tal-poplu tal-Għasri dejjem ħarisna lejn il-ġid tal-lokal tagħna u dan minn dejjem għamilnieh mill-qalb.

L-awgurji tiegħi għas-snin li ġejjien huma li nkomplu naħdmu id f'id bħala Kunsill magħqud hekk kif dejjem ħdimna s'issa minn kemm ilu li twaqqaf il-Kunsill Lokali. Is-suġġerimenti u proposti ta' kull membru fil-Kunsill dejjem jingħataw kull importanza u wara li jiġu diskussi mill-Kunsill tittieħed l-azzjoni neċessarja.

Nirringrazzja lill-Kunsillieri kollha li tul dawn is-snin li ilni fil-kariga ta' Sindku dejjem rajt il-koperazzjoni tagħhom kollha u mingħajr l-ebda kundizzjoni. Nirringrazzja wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**Andrew Vella**
**Sindku**

## 2.0 Il-Kunsill

***Il-Kunsill huwa iffurmat hekk :-***

| | | Parteċipazzjoni fil-Laqgħat |
|---|---|---|
| Sindku | Andrew Vella | 100% |
| Viċi Sindku | Emanuel Mintoff | 100% |
| Kunsillier | Frank Formosa | 100% |
| Kunsillier | Renance Vella Aquilina | 100% |
| Kunsillier | Joseph Farrugia | 100% |
| Segretarju Eżekuttiv | Joe Camilleri | |

Is-Sitt Kunsill Lokali L-Għasri ġie elett f'Marzu 2008 u ser iservi għal ħames snin sal-2013.

## 3.0 Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

***Organizzazjoni***




***Attivitajiet Ġenerali***

Matul din is-sena finanzjarja li għaddiet, dan il-Kunsill Lokali kien impenjat bi sħiħ sabiex ikompli f'ħidmiet utli għall-ġid ta' dan ir-raħal. Dan ix-xogħol ġie riflettut speċjalment fil-qasam ta' l-infrastruttura u fit-twettieq ta' proġetti utli għar-residenti kollha ta' l-Għasri.

Ta' min isemmi hawnhekk il-proġett li sar fil-pjazza u fi Triq Dun Karm Caruana. Dan ix-xogħol kien jirrekjedi li l-ewwel din it-triq tiġi livellata bil-materjal apposta. B'hekk filwaqt li jinbena il-livell tagħha, jkun ukoll qed titqiegħed sodda soda sabiex tkun isservi li jgħaddu minnha nġenji tqal għall-ħidma tar-raba' u kull żvilupp li jkun neċessarju li jsir. Ix-xoghlijiet tlestew pjuttost f'qasir żmien għas-sodisfazzjon tal-bdiewa kollha ta' dawk in-nahat.

Barra minn dan il-progett, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jwettaq xogħlijiet oħra tant ta' siwi għal din il-lokalita`. Ta min isemmi l-ħidma kontinwa speċjalment personalment mis-Sindku, sabiex tissolva l-porblema tad-drenaġġ li kien hemm fi Triq il-Wilġa bil-kawża li dan imbagħad jitfaċċa fi Triq Wied Sara u jibqa' miexi tul it-triq fil-wiċċ bir-riżultat li l-istess triq kien qed jiġrilha ħafna ħsara.

Xogħlijiet oħra li twettqu f'din il-lokalita` kienu jikkonsistu prinċipalment fit-tiswijiet regolari tat-toroq kollha ta' l-Għasri. Dawn qed jingħataw it-tiswijiet neċessarji darbtejn fis-sena bl-ewwel manutenzjoni issir hekk kif jibdew ix-xhur sajfin u mbagħad

hekk kif sejra terġa' tibda x-xitwa. B'hekk ikun qed jiġi żgurat li l-pubbliku jkollu toroq li kemm jista' jkun, ikunu adattati għat-traffiku.

Matul din is-sena wkoll, il-Kunsill ħaseb sabiex jiġi attrezzat aħjar l-ambjent fit-toroq. Hekk naraw li f'lokalitajiet differenti tqiegħdu bankijiet, tabelli u litter-bins. Xogħlijiet oħra ta' rikostruzzjoni ta' hitan tat-toroq kif ukoll ta' egħlieqi għat-toroq saru f'inħawi differenti tar-raħal. Ma' dan irridu nżidu xogħol ta' tindif regolari u qtugħ ta' ħaxix ħażin. Fl-istess waqt il-Kunsill ħa ħsieb li jaħdem fuq il-kuntratti l-oħra kollha li bihom hu nkarigat. Dan kollu sar flimkien ma' ħidma kontinwa matul is-sena kollha sabiex jittellgħu attivitajiet kulturali.

B'hekk, ir-riżultat ta' dawn ix-xogħlijiet urew li dan il-Kunsill hu ħerqan li tkompli titjieb is-sitwazzjoni f'dan ir-raħal tul kull leġislatura.

Joe Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq

## 4.1 Consolidated Income and Expenditure Variations Schedule

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESCRIPTION** | **YEAR ACTUAL (EURO)** | **YEAR BUDGET (EURO)** | **YEAR-1 ACTUAL (EURO)** | **YEAR BUDGET VAR (EURO)** | **YEAR ACTUAL VAR (EURO)** |
| **Income** | 2010 | 2010 | Apr-Dec 2009 | 2010 | Apr-Dec 2009 |
| Government | 156,660.00 | 156,661.00 | 110,631.75 | (1.00) | 46,028.25 |
| Bye-laws | 2,638.62 | 5,800.00 | 6,401.07 | (3,161.38) | (3,762.45) |
| Investment | 256.76 | 450.00 | 159.74 | (193.24) | 97.02 |
| TOTAL | **159,555.38** | **162,911.00** | **117,192.56** | **(3,355.62)** | **42,362.82** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal emoluments | 41,979.70 | 38,464.41 | 23,750.81 | (3,515.29) | (18,228.89) |
| Operations and maintenance | 87,918.06 | 92,250.00 | 62,822.34 | 4,331.94 | (25,095.72) |
| Capital Expenditure | 3,695.33 | 27,000.00 | 57,775.43 | 23,304.67 | 54,080.10 |
| TOTAL | **133,593.06** | **157,714.41** | **144,348.58** | **24,121.32** | **10,755.49** |
| **Balance** | **25,962.29** | **5,196.59** | **(27,156.02)** | **(27,476.94)** | **31,607.33** |

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

## 4.2 Detailed Income Variations Schedule

| DESCRIPTION | a<br>YEAR<br>ACTUAL<br>(EURO) | b<br>YEAR<br>BUDGET<br>(EURO) | c<br>YEAR-1<br>ACTUAL<br>(EURO) | a-b<br>YEAR BUDGET VAR<br>(EURO) | a-c<br>YEAR<br>ACTUAL VAR<br>(EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Income** | 2010 | 2010 | Apr-Dec 2009 | 2010 | Apr-Dec 2009 |
| Government | | | | | |
| Annual | 156,660.00 | 156,661.00 | 109,969.62 | (1.00) | 46,690.38 |
| Supplementary | | | 662.13 | | (662.13) |
| Special needs | | | | | |
| Public/government entities | | | | | |
| Other b/f | | | | | |
| | **156,660.00** | **156,661.00** | **110,631.75** | **(1.00)** | **46,028.25** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Community Services | | 800.00 | | (800.00) | |
| Contravention of bye-laws | 7.74 | | 75.78 | 7.74 | (68.04) |
| Contributions and donations | 466.00 | | 466.00 | 466.00 | |
| General | 2,164.88 | 5,000.00 | 5,859.29 | (2,835.12) | (3,694.41) |
| | **2,638.62** | **5,800.00** | **6,401.07** | **(3,161.38)** | **(3,762.45)** |
| Investment | | | | | |
| Bank interest | 256.76 | 450.00 | 159.74 | (193.24) | 97.02 |
| Government securities | | | | | |
| | **256.76** | **450.00** | **159.74** | **(193.24)** | **97.02** |
| **TOTAL** | **159,555.38** | **162,911.00** | **117,192.56** | **(3,355.62)** | **42,362.82** |

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

## 4.3 Detailed Expenditure Variations Schedule

| DESCRIPTION | a<br>YEAR<br>ACTUAL<br>(EURO) | b<br>YEAR<br>BUDGET<br>(EURO) | c<br>YEAR-1<br>ACTUAL<br>(EURO) | b-a<br>YEAR<br>BUDGET<br>VAR<br>(EURO) | c-a<br>YEAR<br>ACTUAL VAR<br>(EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Expenditure** | 2010 | 2010 | Apr-Dec 2009 | 2010 | Apr-Dec 2009 |
| Personal Emoluments | | | | | |
| Mayor's allowance | 8,923.79 | 6,364.00 | 4,499.82 | (2,559.79) | (4,423.97) |
| Employee salaries and wages | 22,211.04 | 22,211.00 | 15,702.96 | (0.04) | (6,508.08) |
| Bonuses | 2,491.30 | 270.00 | 1,800.93 | (2,221.30) | (690.37) |
| Income supplements | 242.26 | 242.26 | 486.23 | | 243.97 |
| Social Security contributions | 1,711.32 | 1,711.32 | 1,260.87 | | (450.45) |
| Allowances | 6,399.99 | 7,665.83 | | 1,265.84 | (6,399.99) |
| Overtime | | | | | |
| | **41,979.70** | **38,464.41** | **23,750.81** | **(3,515.29)** | **(18,228.89)** |
| Operations and maintenance | | | | | |
| Utilities | 1,726.22 | 2,000.00 | 1,574.02 | 273.78 | (152.20) |
| Materials and supplies | 299.08 | 250.00 | 295.16 | (49.08) | (3.92) |
| Repair and upkeep | 12,710.75 | 54,600.00 | 18,404.36 | 41,889.25 | 5,693.61 |
| Rent | 395.99 | | | (395.99) | (395.99) |
| International mem. EU Prog. | 292.29 | 100.00 | 396.74 | (192.29) | 104.45 |
| Office services | 2,346.21 | 350.00 | 506.63 | (1,996.21) | (1,839.58) |
| Transport | 1,061.20 | 250.00 | 395.25 | (811.20) | (665.95) |
| Travel | 5,703.78 | 3,000.00 | | (2,703.78) | (5,703.78) |
| Information services | 865.88 | 200.00 | 206.82 | (665.88) | (659.06) |
| Contractual services | 43,507.68 | 25,000.00 | 23,682.31 | (18,507.68) | (19,825.37) |
| Professional services | 9,193.36 | 2,000.00 | 5,159.17 | (7,193.36) | (4,034.19) |
| Training | | | | | |
| Community and hospitality | 9,702.59 | 3,700.00 | 12,201.88 | (6,002.59) | 2,499.29 |
| Incidental expenses | 113.03 | 800.00 | | 686.97 | (113.03) |
| | **87,918.06** | **92,250.00** | **62,822.34** | **4,331.94** | **(25,095.72)** |
| Capital Expenditure | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | |
| Construction | | 1,500.00 | | 1,500.00 | |
| Improvements | 2,560.87 | 2,500.00 | 3,788.69 | (60.87) | 1,227.82 |
| Equipment | 1,134.46 | 1,000.00 | 1,279.08 | (134.46) | 144.62 |
| Special programmes | | 22,000.00 | 52,707.66 | 22,000.00 | 52,707.66 |
| | **3,695.33** | **27,000.00** | **57,775.43** | **23,304.67** | **54,080.10** |
| **TOTAL** | **129,897.76** | **152,714.41** | **139,280,81** | **22,816.65** | **9,383.05** |
| **TOTAL** | **133,593.09** | **157,714.41** | **144,348.58** | **24,121.32** | **10,755.49** |

## 5.0 Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5004 – **APS Current Account - 2010**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €7539.68 | |
| Less Outstanding CB 1 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| Plus Outstanding CB 1 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €7539.68 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2010 | €7539.68 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5005 **- APS Savings Account – 2010**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €34276.75 | |
| Less Outstanding CB 3 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| Plus Outstanding CB 3 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €34276.75 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2010 | €34276.75 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5010 **- Petty Cash Account – 2010**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €16.25 | |
| Less Outstanding CB 5 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| Plus Outstanding CB 5 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €16.25 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2010 | €16.25 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

## 6.0 Rapport tal-Awdituri u l-'Financial Statements'

**L-Għasri Local Council**

**Financial Statements**

**For the period**

**1st January, 2010 – 31st December, 2010**